MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 100/2009

**Il-Pulizija**

**Vs**
**James Marmara**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta’ Novembru, 2008, ghall-habta ta’ 7.45 p.m. gewwa Balbi Street, Marsa :
1. hebb ghal martu Nathalie Marmara’ w ikkagunalha griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Felice MD;
2. insulenta w hedded bi kliem lil martu Nathalie Marmara’;
3. qal kliem hazin fil-konfront ta’ martu Nathalie Marmara’.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Marzu, 2009, li biha,

wara li rat l-artikoli 221(1), 339(1)(e) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija sospiza ghal sena ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w ma sabitux hati tal-tieni w it-tielet akkuza w ghaldaqstant illiberatu minnhom.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta’ Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni w it-tielet imputazzjoni, filwaqt li thassaraha, tirrevokaha w tannullaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni w tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena, jew, alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi ghax il-prosekuzzjoni naqset li tipprova sodisfacentement l-elementi kollha tar-reat. Hemm konflitt fl-istess provi. Hemm il-fotografiji esebiti mill-appellant li ttiehdu biss ftit tal-hin wara li grat l-aggressjoni fuqu. Tista' tikkonfermhom Margaret Attard li hadet dawn ir-ritratti. Ic-certifikat ta' Dr. Satya Brata Das ukoll jaghti stampa cara ta' dak li gara. Illi c-certifikat mahrug fil-konfront ta' Nathalie Marmara' hu datat 26 ta' Novembru, 2008 u minnu jidher li hi marret ghall-vista fit-23 ta' Novembru, 2008, u cioe' jum wara l-incident. It-tabiba ma ratx il-htiega li tirrilaxxja certifikat mediku dak in-nhar stess. Dan jindika li l-griehi allegatament sofferti minn Nathalie Marmara' ma kienux daqshekk serji li jigi mahrug certifikat medku proprju ftit tal-hin wara l-incident *de quo*. Hemm inkonsistenza bejn dak li hemm fic-certifikat mediku u dak li xehdet Nathalie Marmara' *viva voce* fejn

tat versjonijiet kontrastanti.  Fit-tieni lok u sussidjarjament il-piena hija wahda certament esagerata fic-cirkostanzi, tenut kont tal-akkuzi w tal-provi li gew prodott.

Rat il-verbal tal-lum li bih Nathalie Marmara’ ddikjarat li qed tahfer lill-appellant
inkondizzjonament u talbet li ma tixhidx kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li c-certifikati medici esebiti taz-zewg partijiet ma gewx konfermati b' affidavit tat-tabib koncernat skond l-artikolu 646 (7) tal-Kodici Kriminali jew bid-depozizzjoni guramentata tal-istess tabib quddiem l-Ewwel Qorti. Ghalhekk qed jigu dikjarati inammissibbli bhala prova.

L-istess, ladarba hemm kontestazzjoni dwar il-fotografiji esebiti (li jinsabu fil-process kontra Nathalie Marmara' u ma gietx prodotta l-persuna li hadithom, biex tikkonferma l-awtenticita' taghhom u tixhed dwar ic-cirkostanzi li fihom ittiehdu dawn il-fotografiji, din il-Qorti mhux ser tippermetti li min hadhom jigi jikkonferma dan f' dan l-istadju tal-appell u ergo mhux ser tibbaza l-gudizzju taghha fuqhom.

Ghalhekk ladarba Nathalie Marmara’ ma ddeponietx kontra zewgha w hija
l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni, din il-Qorti ma’rrizultalha bl-ebda mod ir-reat dedott.

F’dan l-istat tal-provi, l-Qorti m’ghandhix alternattiva hlief li tillibera lill-appellant.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi
riformata billi qed tigi konfermata fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni w
it-tielet imputazzjoni w revokata fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel

imputazzjoni w ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospiza ghal sena w
minnflok ma ssibux hati tal-istess imputazzjoni w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------